MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 69/2014

**Mobisle Communications Limited – C24655**

**vs**

**Edward Cachia ID 79781M**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'din il-kawza s-Socjeta' Attrici qed titlob li l-Konvenut jigi kundannat ihallasha il-*quantum* ta' sitt mija, tmienja u tletin Ewro sitta u tmenin centezmi (€638.86c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C50448171 u A/C50939036 moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u dok IZY2 – prospett ghall-akkont bin-numru A/C50448171 u A/C50939036 rispettivament u Dok IZY3 u Dok IZY4 – ftehim ghas-servizzi relattivi u dok IZY5 – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY6 – kopja ta' ittra ufficcjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Ir-RISPOSTA ghal dan l-AVVIZ kienet hekk:-

(1) It-Talbiet ghandom jigu michuda ghax infondati fil-fatt u fid-dritt.
(2) L-esponent mhux il-legittmu kontradittur.

(3) M'ghandu jbat ebda spejjes.

Fl-udjenza tat-3 ta' April 2014 dehret biss id-difensur tas-Socjeta' Attrici u l-kawza thalliet ghall-provi dwar l-eccezzjoni preliminari, ghall-24 ta' Gunju 2014 liema seduta giet trasferita ghall-5 ta' Novembru 2014. Hawn id-difensur tal-Konvenut ma deheritx u talbet differiment. It-TRIBUNAL ordna l-inversjoni tal-provi u ordna l-produzjzoni tal-provi kollha (*fol* 20). Hawn ma deher hadd u l-kawza thalliet ghat-13 ta' Jannar 2015 ghall-iskop tal-verbal precedenti. Hawn raga ma deher hadd ghan-naha tal-Konvenut u t-TRIBUNAL **iddikjara l-provi konvenuti maghluqa** (*fol* 22).

Fl-udjenza ta' wara, dik tad-19 ta' Frar 2015 ma deher hadd ghall-Konvenut. Dehret Dr. Ingrid Zammit Young ghas-Socjeta' Attrici li xehdet u kkonfermat dak mitlub fid-dokument promotur u li dan ghadu dovut. Hawn il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**DECIZJONI**

It-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi (1) **jichad** l-eccezzjonijiet kollha tal-Konvenut (2) **jilqa** t-Talba Attrici u **jikkundanna** lill-Konvenut ihallas lis-Socjeta' Attrici il-*quantum* mitlub ta' sitt mija, tmienja u tletin Ewro sitta u tmenin centezmi (€638.86c) bl-imghax mid-19 ta' Lulju 2013 sal-jum tal-pagament effettiv u (3) **jikkundanna** lill-Konvenut ihallas l-ispejjes tal-Kawza u dawk mitluba fl-AVVIZ.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------